**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 1007 / 2014**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**VS**

**Wayne Delia**

Illum, 15 ta' Lulju 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Wayne Delia, ta' 28 sena, bin Martin u Mandy nee Warner, imwieled Pieta' , nhar il-21 ta' Novembru 1985, resident fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola u detentur tal-karta tal-identita' numru 574785 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-26 ta' Dicembru, 2013, ghall-habta tat-8.30 ta' filghaxija, gewwa id-Drugshop fi Vjal De La Cruz, Qormi, flimkien ma' Andrea Busuttil:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ta' serq, kieku sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin u li sar ghad-dannu tas-socjetajiet Petralux Ltd u/jew P.O.G Ltd opearturi tal-istabbiliment Drugshop, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-ispizjara Fiona Fenech, Dr Francis Noel Fenech M.D, u lil Dr Raymond Fenech M.D. kontra l-volonta' taghhom, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

3. Aktar, talli filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta' ) kellu fuq il-persuna tieghi xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

Akkuzat ukoll talli nhar it-28 ta' Dicembru, 2013, ghall-habta tat-3.40 ta' filghaxija, gewwa it-Tic Tic Confectionery fi Triq il-Knisja, Paola flimkien ma' Andrea Busuttil:

4. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u xi pakketti tas-sigaretti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz, u li sar ghad-dannu ta' Salvatore Fiteni, S&S Co Lyd, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

5. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Salvatore Fiteni. kontra l-volonta' tieghu, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

6. Aktar, talli filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta' ) kellu fuq il-persuna tieghi xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

7. Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi definittivi mill-Qrati tal-Magistrati (Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Marzu, 2021, fejn il-Qorti wara wara li rat l-artikoli 41 (a), 49, 261 (a) (b) (c) (f), 262 (b), 263 (b), 267, 270, 276 u 277 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recediva biss fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu ghal sena prigunerija li minnhom irid jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri. Mill-bqija ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u minnhom illiberatu.

B' applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' €82.23 rapprezentanti hlas tal-esperti nominati[1].

Rat ir-rikors tal-appellant Wayne Delia minnhu pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2021, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell billi tikkonferma li mhuwiex hati mit-tieni sas-sebgha imputazzjonijiet filwaqt li thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-ewwel akkuza, ta' l-addebitu tar-recidiva u tal-hlas ta' l-ammont ta' €82.23 rapprezentanti hlas tal-esperti nominati kif dedotti kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew *in subsidum*, f' kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata,

[1] Il-hati qieghed jigi ordnat ihallas nofs l-ispejjez tar-rapporti relatati mar-reat li tieghu instab hati stante li kien hemm involvement ta' persuna ohra fit-twettiq ta' dan ir-reat.

limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' sena prigunerija u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Ezami tax-Xhud rigward il-Kredibilita'

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Superjuri fis-sentenza datata 28 ta' Gunju 2006 fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Harrington** fir-rigward tal-kredibilita' ppronunzjat illi

> *"il-kelma kredibbli jew kredibilita` ma tfissirx necessarjament li xhud qed jigdeb, jista' jkollok kaz per ezempju fejn xhud ikun ra, jew sema' xi fatti, u genwinament jigi hawn u jghid kif rahom jew semaghhom. Pero` mbaghad il-verita` tkun li ma jkunx gara dak li qed jghid hu. Pero` hu genwinament, dan bhal meta wiehed jghidlek, jiena dik il-karrozza safra kienet tafx, imbaghad jigi l-iehor jghidlek le dik mhux safra, dika per ezempju hadra cara .. Ghalhekk qed nghidilkom il-kredibilita` ma tfissirx gideb."*

Dan ifisser li meta f' dan il-kaz il-Qorti qieset u wiznet il-kredibilita' o meno tax-xhud ewlieni Andrea Busuttil u haditha b' certu cirkospezzjoni kienet zbaljata meta irriskontrat li kien hemm xi inkonsistenzi fix-xhieda ta' Andra Busuttil imbghad qieset li Andrea Busuttil dejjem kien konsistenti fix-xhieda tieghu meta qal li l-persuna l-ohra li dahlet mieghu biex jisirqu kien l-appellant.

Dan ifisser li ghalkemm Andrea Busuttil ma jfissirx li necessarjament kien qed jigdeb, dan ma kienx kaz fejn ix-xhud genwinament xehed il-fatti kif rahom ghaliex il-verita' hi li ma garax dak li qal. jew semaghhom. Ghalhekk ghalkemm il-kredibilita` ma tfissirx gideb, zgur li Andrea Busuttil ma kienx kredibbli f' dak li qal kontra l-imputat meta inkwantu ghal din l-imputazzjoni, bhala prova in atti jirrizulta li fuq ix-xena tad-delitt ma nstabu ebda fingerprints tal-appellant.

Ghalhekk il-Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata16 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Antoine Cutajar** fir-rigward ta' xhud wiehed ppronunzjat illi

> *"Ghalkemm l-unika xhud tal-prosekuzzjoni hija mart l-appellant, dan ma jfissirx necessarjament li ghaliex l-appellant jichad dak li qed tghid martu, allura hemm bilfors konflitt ta' provi. Xhud wiehed, jekk emnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija."*

Illi dan ifisser li Andrea Busuttil kellu jigi emnut sal-grad tal-konvinciment morali, sabiex kien ikun bizzejjed biex il-Qorti setghet issib u tiddikjara htija fl-appellant. Dan qatt ma setgha jkun meta l-Qorti f' nifs wiehed qalet li rriskontrat inkonsistenzi fix-xhieda ta' Andrea Busuttil u fl-istess nifs tghid illi in kwantu ghal din l-imputazzjoni Andrea Busuttil dejjem kien konsistenti fix-xhieda tieghu meta qal li l-persuna l-ohra li dahlet mieghu biex jisirqu kien l-appellant. Dan qatt ma setgha jkun ghaliex il-Qorti stess mill-atti rrizultalha li Andrea Busuttil xehed tlett darbiet quddiemha u kif ukoll ta x-xhieda tieghu fil-kaz li nfetah kontrih.

Illi Andrea Busuttil biddel diversi drabi l-verzjoni tieghu u cioe' meta kien originarjament interrogat a tempo vergine ma semma lil hadd b' ismu. Meta tressaq u bdiet instema' l-kumpilazzjoni u meta hargu l-artikoli ha l-pedana tax-xhieda u qal li l-persuna l-ohra li kienet mieghu kien l-appellant.

Minn dan kollu jirrizulta li x-xhieda t' Andrea Busuttil hija inkonsistenti u biddel il-verzjoni tieghu tal-fatti diversi drabi u allura kif qatt setghet il-Qorti tkun moralment konvinta minn dak li qal Andrea Busuttil u konsegwentement ssib lill-appellant hati.

Ghalhekk il-Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fis-sentenza datata 30 ta' Marzu 1963 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** fir-rigward tal-Komportament tax-xhud ippronunzjat illi

*"Il-komportament ("demeanor") tax-xhud huwa fattur importanti ta` kredibilita`."*

Illi l-Qorti tal-Magistrati ghalkemm semmiet il-komportament tax-xhud Andrea Busuttil ma taghtu l-ebda importanza fir-rigward ta' l-evalwazzjoni tal-kredibilita' tieghu, izda strahet biss fuq l-inkonsistenzi o meno. Dan ifisser li l-kredibilita' tax-xhud imsemmi ma gietx evalwata fl-intier taghha anzi kien hemm l-aktat fattur importanti mankanti ghalhekk b' din l-evalwazzjoni l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt tiddikjara li x-xhud Andrea Busuttil kien dejjem konsistenti meta qal li l-persuna l-ohra li dahlet mieghu biex jisirqu kien l-appellant u allura kredibbli meta ma haditx konjizzjoni adegwata tal-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati kieet skorretta fl-evalwazzjoni taghha tal-kredibilita' t' Andrea Busuttil u ghalhekk ma kellha qatt ssib htija fil-konfront tal-appellant abbazi ta' dak li qal Andrea Busuttil.

**Kredibilita' tal-Appellant**

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri permezz at' sentenza datata 6 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Mario Spagnol** fir-rigward tal-*Plea Bargaining* ippronunzjat illi

> *"Il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena, sia pure' seta' kien fil-prattika dejjem adoperat b' mod informali kemm fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, ddahhal ghall-ewwel darba b' forma istituzzjonalizzata fil-ligi penali taghna bl-artikolu gdid 453A, introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002. Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsim I tat-Tieni Ktieb, Titolu IV, : "Fuq il-Qorti Kriminali". Bhala rizultat*

*ta' dan l-artikolu gdid b' effett minn Ottubru, 2003, sar possibbli li, qabel mal-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-kaz ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni ta' sanzjonjiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita' miftehma bejnithom. Jekk il-Qorti Kriminali tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew mizura jew sanzjonijiet jew mizuri mitluba jkunu tali li jkunlegittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat jew reati li dwaru jew dwarhom l-akkuzat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jsir il-guri tal-kaz jew ghal xi raguni ohratichad it-talba, wara li tispjega lill-akkuzat bi kliem car x' ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, l-Qorti Kriminali, meta ssir l-ammissjoni ta' htija ta' l-akkuzat, tghaddi biex taghti s-sentenzalilha indikata mill-partijiet. Umbaghad tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qeghdha tinghata tkun qeghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.*

*Fil-prattika kemm ilha li dahlet in vigore din id-dispozizzjoni gdida, l-Qorti Kriminali qed tirrikjedi li t-talba ssir bil-miktub permezz ta' rikors jew nota kemm jista' jkun minn qabel u possibilment qabel id-data appuntataghas-smiegh tal-kawza w li kull diskussjoni dwar it-talba issir "in open court", biex titnehha kullombra ta' suspett li l-affarijiet mhux qed isiru fid-deher u kif suppost u biex jigi eliminat kull suspett t' abbuz possibbli li wiehed facilment jista' jimmagina li jista' jigi eskogitat mill-partijiet involuti, jew xi hadd minnhom. Hu mahsub li fejn il-Qorti Kriminali ma tkunx taqbel mas-sanzjonijew mizura miftehma, li ukoll "in open court" tiddikjara li, f' dak l-istadju, l-Qorti ma tistax taderixxi ghat-talba.*

*L-artikolu 392A (5) gdid umbaghad jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu453A fuq imsemmi ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istrutorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati, pero' f' dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti w n-nota ssir mill-Avukat Generali w mill-imputat flimkien u li jkun fihal-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan.*

*Illi fl-assenza ta' dispozizzjoni "ad hoc" li tkun tapplika ghall-Qrati ohra ta' gudikatura kriminali, ma jidhirx li dan l-istitut japplikja ghalihom ukoll. Ghalhekk, ghalkemm mhux eskluz li anki quddiem dawn il-Qrati il-Prosekuzzjoni w d-difiza*

*jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f' kaz ta' ammissjoni ta' htija, dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' dik il-Qorti, kifghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe' jew bil-fomm waqt l-udjenza "in open court" jew per mezz ta' xi att gudizzjarju bhal nota konguntiva jew rikors konguntiv tal-partijiet, debitamentipprezentat fir-registru skond kif titlob il-ligi jew seduta stante.*

*Isegwi mill-fatt li l-fehma tal-partijiet dwar il-piena ghandha tingieb jew fl-udjenza "in open court" jew permezz ta' att gudizzjarju konguntiv, li l-gudikant ma ghandu qatt jiddiskuti mad-difensur ta' parti jew ohra,jew mad-difensuri taz-zewg partijiet, kameralment il-piena li tkun qed tintalab jew li dwarha l-partijiet ikun qed jippatteggjaw jew jippruvaw jippattegjaw. Fis-sistema taghna, kemm qabel ma l-patteggjament gie istituzzjonalizzat kif aktar ' l fuq inghad, kif ukoll illum, il-gudkant ma jiehu ebda parti f' tali patteggjament hlief li, fit-termini tal-Artikolu 453A imsemmi, jiddikjara fil-qorti bil-miftugh jekk jaqbilx mas-sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni taghhom li jkunu qed jigu proposti mill-partijiet. U b' mod partikolari fejn ma japplikax formalment l-Artikolu 453A - jigifieri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali - jekk isiru xi sottomissjonijiet minn parti jew ohra (dejjem fil-qorti bil-miftugh) dwar il-piena minhabba possibilita` ta' ammissjoni, l-gudikant ma ghandu qatt jindika x' sentenza jkollu f' mohhu li jaghti f' kaz li jkun hemm ammissjoni, salv ghal eccezzjoni wahda, u cioe` li gudikant jista' jindika li sia jekk ikun hemm ammissjoni w sia jekk le, s-sentenza fi kwalunkwe kaz ser tiehu forma partikolari (per ez. piena karcerarja, jew probation jew conditional discharge).*

*Kull partenza minn dawn il-linji gwida trasparenti fuq indikati jista' johloq komplikazzjonijiet ghad-debita amministrazzjoni tal-gustizzja w jirriskja li johloq dubji, konflitti, suspetti t' abbuzi jew addirittura abbuzi. Ghalhekk zgur li mhu xejn rakkomandabbli li jsiru inkontri "in camera" bejn xi parti jew iz-zewg partijiet u l-gudikant bil-ghan li jsirupatteggjamenti dwar il-piena.*

*Altrimenti, peress li ma jkun hemm ebda "record" preciz ta' dak li jkun intqal jew ma ntqalx, dak li jkun gie miftiehem jew sottintiz jew forsi fra-intiz, tinholoq problema biex wiehed jistabilixxi ezatt x' ikun intqal, gie miftiehem jew mahsub li*

*gie miftiehem. U peress li "quod non est in actis, non est in mundo", qorti ta' revizjoni rinfaccata b' kwistjonidwar xi intendiment o meno li seta' ntlahaq jew ma ntlahaqx tkun priva mill-fatti certi li fuqhom tista' tigi msejjha biex tiddeciedi.*

*Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, kull trattattiva dwar il-piena quddiem il-Qrati l-ohra ta' gurisdizzjoni kriminali li mhumiex il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, trid issir jew in open court u/jew permezz ta' attigudizzjarji registrati u meta ma jsirx dan, ebda parti ma ghandha mbaghad tilmenta minn xi sorprizajew addirittura minn xi ngustizzja quddiem Qorti ta' revizjoni.*

*Jista' jkun hemm bazi ghal appell meta ma jkunx hemm proporzjonalita` fil-piena inflitta fuq wiehed miz-zewg ko-akkuzati u ma jkun hemm ebda gustifikazzjoni ghal tali differenza. Jista' jkun hemm konsiderazzjonijiet li jistghu jiggustifikaw tali disparita` ez. attivazzjoni ta' sentenza sospiza fil-konfront tal-ko-akkuzat."*

Illi f' dan il-kaz fil-kaz kontra Andrea Busuttil il-Qorti Kriminali kellha tirrikjedi li t-talba ssir bil-miktub permezz ta' rikors jew nota u kull diskussjoni dwar it-talba issir "in open court", jew permezz ta' xi att gudizzjarju bhal nota konguntiva jew rikors konguntiv tal-partijiet, debitament ipprezentat fir-registru skond kif titlob il-ligi jew seduta stante.

Dan ma sarx b' konsegwenza li l-affarijiet ma sarux fid-deher u kif suppost b' konsegwenza li sar abbuz li wiehed facilment jista' jimmagina gie eskogitat mill-partijiet involuti, jew xi hadd minnhom ghad-detriment tal-appellant.

Illi din il-partenza minn dawn il-linji gwida trasparenti fuq indikati holoq komplikazzjonijiet ghad-debita amministrazzjoni tal-gustizzja u holoq dubji, konflitti, u abbuzi fil-konfront u ghad-detriment tal-appellant u ghalhekk peress li m' hemm ebda "record" preciz ta' dak li intqal jew ma ntqalx u ta' dak li kien gie miftiehem holoq

problema biex wiehed jistabilixxi ezatt x' ikun intqal, gie miftiehem jew mahsub li gie miftiehem.

Ghalhekk, kull trattattiva dwar il-piena quddiem il-Qorti l-ohra ta' gurisdizzjoni kriminali kellha issir jew in open court u/jew permezz ta' atti gudizzjarji registrati u meta ma sarx dan, inholoq dubji, konflitti, u abbuzi fil-konfront u ghad-detriment tal-appellant.

Ghalhekk l-appellant kien kredibbli meta qal li Andrea Busuttil xehed kontrih biex jiehu sentenza aktar favorevoli.

**Nuqqas tal-Prova tal-Impronti Digitali**

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata 28 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Abela** fir-rigward tal-Impronti Digitali ppronunzjat illi

"Marki tas-swaba f' post fejn tkun saret serqa li jaqblu ma' l-impronti digitali ta' persuna huma prova sufficjenti sabiex il-Qorti ssib htija. Pero' . f' kaz fejn ghandek post pubbliku bhal hanut, knisja, cinema, hwienet tax-xorb, diskoteki, fejn dawn ta' kuljum huma ffrekwentati minn mijiet ta' nies, certament ma jistax jinghad li legalment is-sejba ta' marka ta' swaba ta' xi hadd f' dawk il-postijiet hija sufficjenti biex issib htija fuq sid dik il-marka, irrispettivament minn min effettivament hi dik il-persuna. Fil-kaz ta' postijiet pubblici, din il-prova tinnecessita' korroborazzjoni."

Illi dan ifisser li f' dan il-kaz gialadarba fuq ix-xena tad-delitt, ossia' fil-post fejn allegatament sar l-attentat ta' sera, ma nstabu ebda fingerprints tal-appellant ma kienx hemm prova sufficjenti sabiex il-Qorti setghet issib htija fl-appellant. Ifisser ukoll li f' dan il-kaz t' attentat ta' serqa f' post pubbliku bhal spizerija fin-nuqqas tal-prova tal-

Impronti Digitali kien jinnecessita' li tingieb prova sufficjenti kontra l-appellant u din zgur li ma kinitx ix-xhieda inkonsistenti u mhux kredibbli t' Andrea Busuttil.

Ghalhekk il-Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati.

Kunflitt ta' Provi

Illi l-Qorti Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata 6 t' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Spiteri fir-rigward tal-kunflitt ta' provi ppronuunzjat illi

> *"F' kaz ta' konflitt ta' provi meta l-Qorti tasal biex temmen verzjoni minn ohra ikun jehtieg ricerka u referenza ghall-dawk l-atti kollha cirkondanti l-kwistjoni quddiemha. Dan jinkludi c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-motivazzjoni li setghet wasslet lil dik il-persuna tixhed b' dak il-mod."*

Illi f' dan il-kaz Andrea Busuttil qal li l-persuna l-ohra li dahlet mieghu biex jisirqu kien l-appellant filwaqt li l-appellant cahad l-involviment tieghu u fix-xhieda tieghu qal li Andrea Busuttil involvih bhala tpattija ghaliex kien hemm min deffislu f' mohhu li l-appellant kellu relazzjoni mat-tfajla tieghu li ma kienx minnu u minn naha l-ohra ukoll sabiex l-istess Andrea Busuttil jinghata sentenza aktar favorevoli.

Minn dan johrog car li f' dan il-kaz hemm kunflitt ta' provi fil-verzjonijiet li l-Qorti sabiex tasal biex temmen verzjoni minn ohra kellha tehtieg li taghmel ricerka u referenza ghall-dawk l-atti kollha cirkondanti l-kwistjoni quddiemha. Dan kellu jinkludi c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-motivazzjoni li setghet wasslet lil dik il-persuna tixhed b' dak il-mod.

Illi johrog car li wara li Andrea Busuttil ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u nghata sentenza, emerga mill-provi li kienu saru diskussjonijiet dwar il-piena bejn difiza u prosekuzzjoni.

Dan jikkonferma li Andrrea Busuttil kellu l-motivazzjoni li jnghata sentenza aktar favorevoli li waslitu biex tixhed b' dak il-mod fil-konfront tal-appellant.

Dan il-Qorti m' ghamlitux fir-ricerka u referenza ghall-dawk l-atti kollha cirkondanti l-kwistjoni quddiemha ghaliex li kieku ghamlet dan kienet tirrizultalha l-motivazzjoni li waslet lil Andrea Busuttil jixhed b' dak il-mod.

Ghalhekk il-Qorti meta rinfaccata b' dan il-konflitt ta' provi kellha tasal biex temmen l-verzjoni ta' l-appellant meta din tirrizulta mir-ricerka u referenza ghall-dawk l-atti kollha cirkondanti l-kwistjoni quddiemha. Dan jinkludi c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-motivazzjoni li setghet wasslet lil Andrea Busuttil jixhed b' dak il-mod.

Ghalhekk il-Qorti kellha temmen il-verzjoni tal-appellant u ma ssibux hati.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata 14 ta' Marzu 1949 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Salvu Pullicino</u>** fir-rigward tal-kunflitt tal-provi ppronunzjat illi

> *"Meta x-xhieda jkunu xehdu darbtejn fl-ewwel istanza, kull impressjoni li tista' talvolta tirrikava l-Qorti ta' l-Appell, jekk terga tisma' hija dawk ix-xhieda, tkun aktarx fallaci; ghaliex is-smigh ripetut wara li s-sentenza appellata tkun ga ggudikat ir-responsabilita' , ikun hemm il-perikolu li x-xhieda jippruvaw jikkolmaw il-lakuni, meta ma hemmx fatturi estranei biex jikkontrollawhom. Id-diportament tax-xhieda waqt id-depozizzjoni taghhom huwa fattur importanti biex il-Qorti taghti l-kredibilita' taghha favur il-versjoni ta' parti wahda jew l-ohra meta*

*jkun hemm konflitt ta' provi. Ghax meta hemm dan il-konflitt, il-kwistjoni tkun wahda ta' kredibilita' , u ghalhekk l-apprezzament tal-gudikant li jkun sama' dawk ix-xhieda "viva voce", u jkun seta' josserva d-diportament taghhom, ghandu jkollu certu piz li l-Qorti ta' l-Appell, li ma tismax hija stess dawk ix-xhieda, ghandha tirrispetta, jekk ma tkunx soddisfatta li f' dak l-apprezzament hemm xi haga jew cirkustanza importanti li magietx kunsidrata. Ghaldaqstant, jekk is-sentenza appellata hija bazata biss fuq semplici apprezzament ta' kredibilita' , ghax il-provi jkunu konfliggenti, u l-Qorti ta' l-Appell ma jidhirlhiex li ghanda terga' tisma' hija x-xhieda, l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti ma ghandux jigi varjat mill-Qorti ta' l-Appell, jekk din ma ssib xejn li jikkonvinciha illi l-apprezzament tal-Magistrat ma kienx korrett. Id-driver li f' kaz ta' kollizjoni ma jhallix il-karrozza tieghu fil-pozizzjoni li kienet meta saret il-habta sakemm tigi l-Pulizija, jaghti adizju li huwa kellu tort; ghax kull driver lijahseb li ma kellux tort fil-kollizjoni hu komprensibilment preokkupat li ma jkunx disturbat l-istattal-fatti fil-waqt tal-kollizjoni, biex jigi accertat mill-Pulizija kull fattur li jista' jiswieluu jezonerah mir-responsabilita' kriminali u finanzjarja."*

Illi dan ifisser li f' dan il-kaz id-diportament tax-xhud Andrea Busuttil waqt id-depozizzjoni tieghu kien fattur importanti biex il-Qorti setghet taghti l-kredibilita' taghha favur il-versjoni tieghu meta kien hemm konflitt ta' provi mal-verzjoni tal-appellant. Ghax meta hemm dan il-konflitt, il-kwistjoni tkun wahda ta' kredibilita' , u ghalhekk l-apprezzament tal-gudikant li sama' ix-xhieda "viva voce" t' Andrea Busuttil, u setgha josserva d-diportament tieghu, ghandu jkollu certu piz li l-Qorti ta' l-Appell, li ma tismax hija stess dawk ix-xhieda, ghandha tirrispetta, jekk ma tkunx soddisfatta li f' dak l-apprezzament hemm xi haga jew cirkustanza importanti li magietx kunsidrata.

Dan ifisser li meta hemm dan il-kunflitt, li allura il-kwistjoni hija wahda ta' kredibilita' , l-apprezzament tal-gudikant li semghatu viva voce kellha tosserva id-diportament tieghu.

Dan ma sarx ghaliex l-apprezzament tal-kredibilita' sar biss fuq l-inkonsistenzi o meno ta' dak li qal Andrea Busuttil. Id-diportament t' Andrea Busutiil gie skartat ghal kollox. Dan ghandu certu piz fuq din l-Qorti li ma semghatx lil dan ix-xhud u ghalhekk m' ghandiex tkun sodisfatta b' dan l-apprrezzament meta hemm din ic-cirkostanza importanti li ma gietx ikkunsidrata.

Ghaldaqstant, din is-sentenza appellata hija ukoll bazata fuq apprezzament ta' kredibilita' , ghax il-provi kienu konfliggenti, u din l-Qorti ghandha jidrilha li ghanda terga' tisma' hija x-xhieda t' Andrea Busuttil, sabiex taghmel l-apprezzament li m' ghamlitx l-Ewwel Qorti ghaliex ghandha tkun konvinta illi l-apprezzament tal-Magistrat ma kienx korrett.

Illi nhar l-10 ta Mejju, 2021 l-appellant ipprezenta rikors fejn inter alia talab lil din il-Qorti tikkonverti ruhha fi Qorti ta' Droga ai termini tal-artikolu 8 tal- kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat dak li gie verbalizzat mill-Avukat Generali nhar l-1 ta' Gunju, 2021 fir-rigward ta' din l-istess talba fejn oggezzjonat ghal alit alba stante li fil-fehma taghha din il-Qorti hija prekluza milli tikkonverti ruhha f'Qorti ta Droga u dan ghaliex l-appellant kien mixli b'reat ta' sekwestru u arrest personali u pusess ta' arma.

Semghet lill-partijeit jittrattaw dan ir-rikors u l-avukat difensur tal-appellant stqarr li huwa minnu li l-appellant kien akkuzat bir-reat ta' sekwestru ta' persuna u ta' pusess ta' arma huwa ma instabx hati taghhom u ghalhekk din il-Qorii ma tistax illum issibu hati taghhom. Ifakkar lil din il-Qorti li l-appellant instab hati biss tal-ewwel akkuza u cioe dik ta' serq u ghalhekk il-Qorti ma hiex prekluza milli tikkonverti ruha. L-istess avukat difensur tal-appellant ghamel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Gilbert Busuttil</u>** fejn minkejja li l-Kapitolu 537 tal-ligiijiet ta' Malta tipprovdi li fil-kaz fejn hemm l-akkuza fir-rigward ta' "*kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, ħlief reat li jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita, imwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ*" din il-Qorti minkejja li l-appellant Busuttil kien akkuzat biha xorta ikkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Droga u dan a bazi tal-fatt li fis-sentnza ta' l-ewwel Qorti l-appellant Busuttil ma kienx isntab hati ta din l-akkuza minkejja li kien gie mixli biha.

L-Avukat difensur sostna li minkejja li dan hu rikors ta' appell tal-appellant u kosegwentment din il-Qorti ma tistax issib htija dwar akkuzi ohra fejn ma instabx hati mill-ewwel Qorti din il-Qorti tibqa' prekluza li tikkonverti ruhha ghal Qorti ta' Droga u dan ghaliex l-kliem tal-ligi fl-artikolu 8 tal-kap 9 ghandhom jinqraw b'mod restirittiv u dan ghaliex l-legislatur ghazel il-kelma *'mixli'* u dan ifisser li din il-Qorti trid tara n-natura tal-akkuzi li l-appellant jigi akkuzat bihom u mhux l-akkuzi li huwa jinsab hati taghhom.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8 (1) tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta ai fini tat-talba tal-appellanti li jipprovdi s-segwenti:-

> 8. (1) *Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija , u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista jghamel talba ghal tali talba quddiem din il-Qorti u cioe sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisftti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:_

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t- tieni kundizzjoni u cioe

2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata **hi mixlija**[2] hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata **hi mixlija**[3] ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga

Illi fil-kaz in desamina jiidher car li l-appellant kien gie mixli bir-reat kif dispost fl-artikolu 86 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta billi gie akkuzat li ssekwestra arresta u zamm lil Salvatore Fiteni kontra l- volonta tieghu liema delitt sar bi hsieb ta' estorzjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom u dan fil-hames akkuza moghtija mill-prosekuzzjoni.[4] In oltre fis-sitt akkuza gie akkuzat talli kellu fil-pussess tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi tissusti s-sitwazzjoni kontemplata fis-sub inciz (b) tas-sub inciz 1 tal-artikolu 8 tal-kap 537 li jimpedixxi lil din il-Qorti milli tikkonverti ruhha fi Qorti ta' Droga.

**Fid-dawl ta' dak li intqal sopra l-Qorti tiddikjara li hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga, stante li li jezistu ic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 8 (1) ( b) tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrenti u tordna li l-kaz jigi trattat fuq il-mertu tal-appell.**

**Il-Qorti tordna ghal darb ohra, statne li notifika simili gja saret permezz tad digriet fl-ismijiet <u>il-Pulizija vs Reuben Micallef</u> , li kopja ta' dan id-digriet jigi notifikat lil Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u dan bil-ghan li jiehu konjizzjoni tieghu sabiex**

[2] Enfazi ta din l-Onorabbli Qorti
[3] Enfazi ta din l-Onorabbli Qorti
[4] Fol. 2 ta l-atti

**jara jekk hemmx bzonn li jsiru xi kjarifiki fil-ligi dwar l-interpretazzjoni tas-sub inciz 1 ( b) tal-Artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.**

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur